# It-Tagħlim Iżlamiku Dwar il-Leatà u l-Imħabba Lejn in-Nazzjon




Mirża Masroor Aħmad

# It-Tagħlim Iżlamiku Dwar il-Lealtà u l-Imħabba Lejn in-Nazzjon

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
*Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed*[as],
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# Islam's Teachings of Loyalty and Love for One's Nation (In Maltese Language)

# IT-TAGĦLIM IŻLAMIKU DWAR IL-LEALTÀ U L-IMĦABBA LEJN IN-NAZZJON

Diskors ta'
Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

© Islam International Publications Ltd.
Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2013)

Traduzzjoni u Editjar minn
Karl Coleiro u Laiq Ahmed Atif

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Mob:** +356-79320139 • **Tel:** +356-27342401
**Tel:** +356-21322105 • **Fax:** +356-27322105
**E:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

# Il-Kalif: Bniedem ta' Paċi

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana (Ahmadiyya Muslim Jamaat). Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru tal-1950, f'Rabwah, il-Pakistan. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment ħajtu għas-servizz tal-Iżlam.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 ta' April tal-2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'200 pajjiż.

Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu ma' Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-Komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Alla li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-Komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità. Taħt it-tmexxija tal-Qdusija Tiegħu, il-Komunità Aħmadija Musulmana bniet għadd ta' skejjel u sptarijiet li jipprovdu faċilitajiet tal-aqwa kwalità f'żoni remoti tad-dinja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra.

# “L-IMĦABBA LEJN PAJJIŻEK HI PARTI MILL-FIDI.”

(Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

*Indirizz minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], Kap tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana, fil-Kwartieri Ġenerali Militari f’Koblenz, il-Ġermanja fit-30 ta’ Mejju 2012*

# It-Tagħlim Iżlamiku Dwar il-Lealtà u l-Imħabba Lejn in-Nazzjon

L-Iżlam jgħallem li l-individwu fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu l-liġi b'idejh jew jipparteċipa fi skemi jew konspirazzjonijiet kontra pajjiżu. Dan huwa kmand ċar u bla kundizzjoni tal-Iżlam.

---

Il-lealtà ma teżistix mingħajr valuri morali għolja u l-valuri morali għolja ma jistgħux jeżistu mingħajr il-lealtà.

---

...Skont it-tagħlim Iżlamiku, Alla s-Setgħani pprojbixxa kull forma ta' qerq jew ribelljoni, kemm jekk kontra l-pajjiż kif ukoll jekk kontra l-gvern. Dan għaliex ir-ribelljoni jew l-aggressjoni fil-konfront tal-pajjiż hi ta' theddida għall-paċi u s-sigurtà tal-istess nazzjon.

---

Mistoqsija oħra li tqum ta' spiss hija dwar jekk il-Musulmani jistgħux jissieħbu mal-forzi armati ta' pajjiżi tal-Punent, u f'każ li jagħmlu dan, jistgħu jieħdu sehem f'attakki kontra pajjiżi Musulmani?

بِسۡمِ اللّٰہِ الرَّحۡمٰنِ الرَّحِیۡمِ ①

**F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin**

*Assalamo Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqkom ilkoll.

L-ewwel nett nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzjakom ilkoll talli stidintuni fil-kwartieri ġenerali tagħkom u talli tajtuni l-opportunità biex ngħid kelmtejn. Bħala l-Kap tal-Komunità Musulmana Aħmadija, nixtieq inkellimkom dwar it-tagħlim tal-Iżlam. Madankollu, dan huwa suġġett tant vast, li biex tkoprih f'funzjoni waħda jew f'ħin daqshekk qasir huwa impossibbli. Għalhekk, huwa neċessarju għalija li nillimita ruħi għal aspett wieħed tal-Iżlam.

Waqt li kont qed nikkunsidra liema aspett tal-Iżlam kelli nittratta, irċevejt talba mill-President Nazzjonali tal-Komunità tagħna fil-Ġermanja, Abdullah Wagishauser Sahib, fejn talabni biex nitkellem dwar it-tagħlim Iżlamiku fir-rigward tal-imħabba u l-lealtà lejn in-nazzjon. Dan għenni biex niddeċiedi. Għalhekk, issa se nkellimkom dwar ċerti aspetti tat-tagħlim Iżlamiku f'dan ir-rigward.

Huwa verament faċli biex wieħed jitkellem sempliċement dwar, jew jisma' l-kliem, '*lealtà u mħabba lejn in-nazzjon*'. Madankollu, fir-realtà dan il-ftit kliem jiġbor fih tifsiriet b'firxa wiesgħa, sbuħija u profondità liema bħalhom. Tabilħaqq, biex tagħraf u tifhem xi jfisser sewwasew dan il-kliem u x'jirrikjedi, huwa verament diffiċli ferm. Xorta waħda, fil-ftit ħin li għandi, se nipprova nispjega l-kunċett Iżlamiku tal-lealtà u l-imħabba lejn nazzjon.

L-ewwel u qabel kollox, prinċipju fundamentali tal-Iżlam hu dak li l-kliem

u l-għemil ta' persuna m'għandhom qatt juru xi forma ta' ipokrisija jew ivarjaw minn persuna għal oħra. Il-lealtà vera titlob relazzjoni msejsa fuq is-sinċerità u l-integrità. Titlob li dak li persuna turi fuq barra jkun bħal ġewwa. F'termini ta' nazzjonalità, dawn il-prinċipji huma ta' importanza assoluta. Għalhekk, huwa fundamentali għall-persuna ta' kull nazzjonalità li tistabbilixxi relazzjoni ta' lealtà ġenwina lejn in-nazzjon tagħha. Ma tagħmilx differenza tkunx ċittadin imwieled fil-pajjiż jew tiksibx iċ-ċittadinanza, permezz tal-immigrazzjoni jew b'xi mezz ieħor, iktar 'il quddiem matul ħajjitha.

Il-lealtà hi kwalità eċċezzjonali, u l-Profeti ta' Alla huma l-persuni li wrew dan l-attribut sal-ogħla u l-aqwa livelli. L-imħabba u l-għaqda tagħhom ma' Alla kienet tant qawwija li f'kull ċirkostanza huma żammew quddiem għajnejhom il-kmandamenti Tiegħu u ħadmu qatigħ biex jimplimentawhom bis-sħiħ, f'kull ċirkostanza. Dan juri l-impenn tagħhom Lejh u l-livell perfett tagħhom ta' lealtà. Għalhekk huma l-istandards perfetti tagħhom li għandna nużaw bħala eżempju u mudell. Madankollu, qabel inkomplu, huwa neċessarju nifhmu x'qed infissru b'lealtà.

Skont it-tagħlim tal-Iżlam, id-definizzjoni u t-tifsira vera ta' lealtà hi t-twettiq bla kundizzjoni tal-wegħdiet u l-konvenzjonijiet f'kull livell u ċirkostanza, irrispettivament mid-diffikultà. Dan hu l-istandard vera ta' lealtà mitlub mill-Iżlam. F'diversi partijiet fil-Koran Imqaddes, Alla ta struzzjonijiet ċari lill-Musulmani biex dawn iħarsu l-wegħdiet u l-pattijiet tagħhom, għax għad jintalbu jagħtu rendikont Lilu ta' kull attività mwettqa minnhom. Il-Musulmani ntalbu jwettqu l-pattijiet kollha, inkluż dawk bejnhom u bejn Alla s-Setgħani, kif ukoll il-pattijiet kollha li għamlu, skont il-grad ta' importanza.

F'dan il-kuntest, mistoqsija li tista' tixref f'moħħ in-nies hi dik illi billi għall-Musulmani Alla u r-reliġjon Tiegħu huma ta' importanza assoluta, huwa naturali li l-ewwel lealtà tagħhom hi lejn Alla, u l-ogħla valur se

jkun lejn il-ħarsien tal-patt tagħhom ma' Alla. Għalhekk jista' jinbet il-ħsieb li l-lealtà tal-Musulmani lejn pajjiżhom u lejn il-ħarsien tal-liġijiet tal-pajjiż huma ta' importanza sekondarja għalihom. B'hekk f'ċerti ċirkostanzi huma jistgħu jkunu lesti biex jissagrifikaw l-obbligi tagħhom lejn pajjiżhom.

Biex inwieġeb din il-mistoqsija, nixtieq nibda billi ngħidilkom li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] innifsu għallem li 'l-imħabba lejn pajjiżek hi parti mill-fidi.' Għalhekk, fl-Iżlam il-patrijottiżmu sinċier hu meqjus bħala xi ħaġa neċessarja. Biex verament iħobb lil Alla u lill-Iżlam l-individwu jrid iħobb ukoll lin-nazzjon tiegħu. Għalhekk, huwa ċar biżżejjed, li ma jistax ikun hemm kunflitt ta' interess bejn l-imħabba li persuna jkollha lejn Alla, u l-imħabba tagħha lejn il-pajjiż. Billi l-imħabba lejn il-pajjiż hi parti mill-Iżlam, huwa ċar biżżejjed li l-Musulman irid jistinka biex jilħaq l-ogħla standards ta' lealtà lejn pajjiżu, għaliex dan huwa mezz ta' kif jista' jilħaq lil Alla u jkun qribu. Għaldaqstant, huwa impossibbli li l-imħabba vera li l-Musulman iħaddan lejn Alla tista' qatt isservi bħala impediment għalih biex juri mħabba u lealtà vera lejn pajjiżu.

Sfortunatament naraw li f'ċerti pajjiżi d-drittijiet reliġjużi huma mxekkla jew miċħuda saħansitra kompletament. Għalhekk, mistoqsija oħra li tista' tqum hi dwar jekk dawn in-nies li huma ppersegwitati mill-istat jistgħux xorta waħda jżommu relazzjoni ta' mħabba u lealtà lejn in-nazzjon tagħhom u lejn pajjiżhom. B'dispjaċir kbir ikolli ninfurmakom li dawn iċ-ċirkostanzi jeżistu fil-Pakistan fejn il-Gvern wasal saħansitra biex jilleġiżla kontra l-Komunità tagħna. Dawn il-liġijiet kontra l-Aħmadin jinsabu fis-seħħ. Għalhekk fil-Pakistan, il-Musulmani Aħmadin kollha huma uffiċjalment iddikjarati bħala 'mhux Musulmani'. Huma għalhekk ipprojbiti milli jsejħu lilhom infushom 'Musulmani'. L-Aħmadin fil-Pakistan huma pprojbiti wkoll milli jitolbu bħal Musulmani oħra jew jaġixxu skont xi tradizzjoni jew drawwa Iżlamika li tista' tidentifikahom bħala Musulmani. B'dan il-mod, l-istat innifsu fil-Pakistan qed iċaħħad membri tal-Komunità tagħna mid-dritt bażiku uman tagħhom li jitolbu.

Jekk inżommu dan f'moħħna, huwa normali li niskantaw kif, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Musulmani Aħmadin jirnexxilhom isegwu l-liġijiet tal-pajjiż. Kif jistgħu jibqgħu leali lejn in-nazzjon tagħhom? Hawn irrid nikkjarifika kif fejn jeżistu ċirkostanzi estremi bħal dawn, il-liġi u l-lealtà lejn in-nazzjon isiru żewġ kwistjonijiet separati. Aħna l-Musulmani Aħmadin nemmnu li r-reliġjon hi xi ħaġa individwali għal kull persuna biex tiddeċiedi għaliha nfisha u m'għandhiex tkun imġiegħla fuq l-individwu. Għalhekk fejn il-liġi tinterferixxi ma' dan id-dritt, dan ikun att ta' kefrija kbira u persekuzzjoni. Tabilħaqq, persekuzzjoni ssanzjonata mill-istat bħal din, li ġiet ipperpetwata matul iż-żmien, ġiet ikkundannata mill-maġġoranza tan-nies.

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja tal-Ewropa, naraw li n-nies f'dan il-Kontinent kienu wkoll vittmi tal-persekuzzjoni reliġjuża, u bħala riżultat, ħafna eluf kellhom jemigraw minn pajjiż għall-ieħor. L-istoriċi sensibbli kollha, il-gvernijiet u n-nies qiesu dan bħala persekuzzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Iżlam jgħallem li fejn il-persekuzzjoni taqbeż kull limitu u ssir insapportabbli, il-persuna għandha tħalli l-belt jew pajjiż u temigra f'post fejn tkun tista' tipprattika r-reliġjon fil-libertà. Madankollu, flimkien ma' din il-gwida, l-Iżlam jgħallem ukoll li l-individwu fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu l-liġi b'idejh jew jipparteċipa fi skemi jew konspirazzjonijiet kontra pajjiżu. Dan huwa kmand ċar u bla kundizzjoni tal-Iżlam.

Minkejja l-persekuzzjoni serja li jħabbtu wiċċhom magħha, miljuni ta' Aħmadin għadhom jgħixu fil-Pakistan. Minkejja li huma suġġetti għal diskriminazzjoni persistenti bħal din kif ukoll għall-kefrija fl-aspetti kollha ta' ħajjithom, huma jkomplu jżommu relazzjoni ta' lealtà totali u alleanza sħiħa lejn pajjiżhom. Jaħdmu fejn jaħdmu huma jippruvaw kontinwament jgħinu lin-nazzjon biex jimxi 'l quddiem u jirnexxi. Għal għexieren ta' snin, dawk li jopponu l-Aħmadija ppruvaw jinsinwaw li l-Aħmadin mhumiex leali lejn il-Pakistan. Fil-verità qatt ma rnexxielhom

jippruvaw dan jew jagħtu xi evidenza biex jissostanzjaw dawn l-akkużi; il-verità hi li kull meta kien hemm bżonn li jsir sagrifiċċju għall-Pakistan, għal pajjiżhom, il-Musulmani Aħmadin kienu minn dejjem ta' quddiem biex jagħmlu kull sagrifiċċju.

Minkejja li huma stess huma vittmi u fil-mira tal-liġi, huma l-Musulmani Aħmadin li jsegwu u jżommu mal-liġijiet tal-pajjiż iktar minn ħaddieħor. Dan il-għaliex huma Musulmani sinċieri li jsegwu l-Iżlam kif xieraq. Tagħlim ieħor mogħti mill-Koran Imqaddes dwar il-lealtà hu li n-nies għandhom joqogħdu lura minn kull ħaġa li mhix modesta, li hi indesiderabbli jew tifforma xi tip ta' ribelljoni. Aspett sabiħ u li jagħmel l-Iżlam uniku hu dak li ma jiġbdilniex l-attenzjoni biss lejn il-punt finali tal-kulminazzjoni, fejn il-konsegwenzi huma verament perikolużi; minflok, iwissina dwar il-kwistjonijiet iż-żgħar ukoll li jservu bħala l-ewwel passi f'mixja twila lejn id-distruzzjoni. B'hekk, jekk wieħed josserva sew il-gwida tal-Iżlam, il-kwistjoni tista' tiġi riżolta kmieni kemm jista' jkun, qabel ikun tard wisq.

Ngħidu aħna, kwistjoni li tista' taffettwa gravement pajjiż hi dik tar-regħba finanzjarja tal-individwi. Ta' spiss in-nies jinħakmu minn xewqat materjali li jispiċċaw jieħdu s-sopravvent u dawn ix-xewqat iwassluhom biex jaġixxu b'mod qarrieq. Għalhekk, dawn l-affarijiet jistgħu jkunu l-kawża ta' qerq kontra l-pajjiż. Ippermettuli nispjega ftit. Fl-Għarbi l-kelma *baghiya* tintuża biex tiddeskrivi dawk in-nies jew atti li jagħmlu ħsara lill-pajjiż. Tirreferi għal dawk li jieħdu sehem fi prattiċi żbaljati jew jikkawżaw ħsara fuq ħaddieħor. Tinkludi wkoll dawk in-nies li jikkommettu atti ta' frodi u b'hekk jippruvaw jiksbu ħwejjeġ b'mod inġust jew illegali. Tirreferi għal dawk in-nies li jaqbżu kull limitu u jikkawżaw id-deni u l-ħsara. L-Iżlam jgħallem li n-nies li jġibu ruħhom b'dan il-mod ma nistgħux nistennew minnhom il-lealtà. Dan il-għaliex il-lealtà hi marbuta ma' valuri morali għolja. Il-lealtà ma teżistix mingħajr valuri morali għolja u l-valuri morali għolja ma jistgħux jeżistu mingħajr il-lealtà. Filwaqt li huwa veru li nies differenti jista' jkollhom ideat differenti tal-istandards morali għolja,

madankollu r-reliġjon Iżlamika tistrieħ biss fuq it-tfittxija ta' dak li jagħti pjaċir lil Alla.

Għalhekk, il-Musulmani huma infurmati biex ifittxu dejjem li jaġixxu b'mod li jogħġob Lilu. Fil-qosor, skont it-tagħlim Iżlamiku, Alla s-Setgħani pprojbixxa kull forma ta' qerq jew ribelljoni, kemm jekk kontra l-pajjiż kif ukoll jekk kontra l-gvern. Dan għaliex ir-ribelljoni jew l-aggressjoni fil-konfront tal-pajjiż hi ta' theddida għall-paċi u s-sigurtà tal-istess nazzjon. Tabilħaqq, fejn ikun hemm ribelljoni jew oppożizzjoni interna, dan jagħti lok għall-barranin biex jieħdu vantaġġ mit-taħwid intern. B'hekk il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' lealtà lejn il-pajjiż tiegħek jistgħu jkunu gravi u fit-tul taż-żmien. Għalhekk, kulma jista' jikkaġuna ħsara lin-nazzjon hu inkluż fil-kelma *baghiya*. Jekk inżommu dan kollu f'moħħna, il-lealtà lejn nazzjon titlob li l-persuna turi l-paċenzja, il-moralità, u ssegwi l-liġijiet tal-pajjiż.

Ġeneralment, fl-era moderna, il-maġġoranza tal-gvernijiet jitmexxew b'mod demokratiku. Għalhekk jekk xi persuni jew grupp jixtiequ jbiddlu l-gvern, dawn għandhom jagħmlu dan billi jsegwu l-proċess demokratiku. Huma għandhom isemmgħu leħinhom permezz tal-vot. Il-voti m'għandhomx jintefgħu skont il-preferenzi jew l-interessi personali, imma kif jgħallem l-Iżlam b'sens ta' lealtà u mħabba lejn il-pajjiż. Il-vot tal-persuna jrid jintefa' bil-ħsieb li l-pajjiż jimxi 'l quddiem. Għalhekk, persuna m'għandhiex tara x'inhuma l-prijoritajiet tagħha u minn liema kandidat jew partit tista' tibbenefika personalment; minflok għandha tiddeċiedi b'mod ibbilanċjat billi tevalwa liema kandidat jew partit jista' jgħin lin-nazzjon kollu jimxi 'l quddiem. Il-qofol tal-gvern jinsab fil-fiduċja u din għandha tingħata biss lill-partit li l-votant onestament jemmen li hu l-iktar addattat u l-iktar li jistħoqqlu. Dan hu l-Iżlam veru, u din hi l-lealtà vera.

Tabilħaqq, f'Kapitlu 4, Vers 59 tal-Koran Imqaddes, Alla ordna li persuna għandha tgħaddi l-fiduċja biss lil dawk li huma intitolati għaliha, u meta

tiġġudika għandha tagħmel dan b'ġustizzja u onestà. Għalhekk, il-lealtà lejn il-pajjiż tiegħek titlob li l-poter tal-gvern għandu jingħata lil dawk li huma intitolati għalih. B'dan il-mod il-pajjiż ikun jista' jimxi 'l quddiem u jkun minn ta' quddiem fost il-pajjiżi tad-dinja.

F'ħafna partijiet tad-dinja qed naraw kif il-membri tal-pubbliku qed jieħdu sehem fi protesti u strajkijiet b'reazzjoni għall-politika tal-gvern. Barra dan, f'ċerti pajjiżi tat-Tielet Dinja, il-protestanti jivvandalizzaw jew iwettqu ħsara fuq ħwejjeġ u propjetajiet li jappartjenu għall-istat jew għal ċittadini privati. Għalkemm jistgħu jgħidu li qed jaġixxu bi mħabba, fil-verità atti bħal dawn m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-lealtà jew l-imħabba lejn il-pajjiż. Wieħed irid jiftakar illi anke fejn il-protesti jew l-istrajkijiet isiru fil-paċi, mingħajr ħsara kriminali jew vjolenza, dan xorta jista' jkollu effetti negattivi. Dan għaliex, anke l-protesti paċifiċi ta' spiss jirriżultaw f'telf ta' miljuni fl-ekonomija tal-pajjiż. Taħt l-ebda ċirkostanza mġiba bħal din ma tista' titqies bħala eżempju ta' lealtà lejn in-nazzjon. Prinċipju tad-deheb mgħallem mill-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana hu li rridu nibqgħu obbidjenti lejn Alla, il-Profeti u l-mexxejja tan-nazzjon tagħna. Dan hu l-istess tagħlim mogħti fil-Koran Imqaddes. Għalhekk, anke fejn pajjiż jippermetti l-istrajkijiet u l-protesti, dawn għandhom isiru biss kemm-il darba ma jikkawżawx ħsara lin-nazzjon jew l-ekonomija.

Mistoqsija oħra li tqum ta' spiss hija dwar jekk il-Musulmani jistgħux jissieħbu mal-forzi armati ta' pajjiżi tal-Punent, u f'każ li jagħmlu dan, jistgħu jieħdu sehem f'attakki kontra pajjiżi Musulmani? Prinċipju saljenti tal-Iżlam jgħid li l-ebda persuna ma tista' tassisti f'atti ta' krudeltà. Dan l-amar ewlieni għandu jibqa' dejjem fuq quddiem nett ta' moħħ il-Musulman. Meta pajjiż Musulman jisfa attakkat għax min-naħa tiegħu jkun aġixxa b'mod krudili jew inġust u jkun hu li wettaq l-ewwel pass ta' aggressjoni, il-Koran jordna lill-gvernijiet Musulmani biex iwaqqfu id l-oppressur. Dan ifisser li għandhom iwaqqfu l-krudeltà u jħabirku biex jistabbilixxu l-paċi. Dan hu permess f'ċirkostanzi fejn wieħed jaġixxi biex iwaqqaf il-krudeltà. Iżda, meta l-pajjiż li jittrasgredixxi jirriforma ruħu

u jadotta l-paċi, il-pajjiż u n-nies tiegħu m'għandhomx jiġu sfruttati jew sottomessi abbażi ta' pretenzjonijiet jew skużi foloz. Minflok għandhom jingħataw il-libertà normali tal-istat u l-indipendenza mill-ġdid. L-ambizzjoni militari għandha għalhekk tfittex li tistabbilixxi l-paċi, iktar milli tissodisfa xi interessi personali.

Bl-istess mod, l-Iżlam jippermetti lill-pajjiżi kollha, kemm jekk Musulmani kif ukoll jekk mhumiex, id-dritt li jwaqqfu l-krudeltà u l-oppressjoni. B'hekk, f'każ ta' neċessità, pajjiżi mhux Musulmani jistgħu jattakkaw pajjiżi Musulmani biex jilħqu dawn l-għanijiet ġenwini. Il-Musulmani f'pajjiżi mhux Musulmani jistgħu jissieħbu fl-armati ta' dawn il-pajjiżi mhux Musulmani biex iwaqqfu din il-krudeltà. Fejn jeżistu ċirkostanzi bħal dawn suldati Musulmani minn xi armata tal-Punent għandhom isegwu l-ordnijiet u jekk mitluba jiġġieldu biex jistabbilixxu l-paċi. Iżda jekk il-militar jiddeċiedi li jattakka pajjiż ieħor inġustament, u b'hekk isir l-aggressur, f'dak il-każ il-Musulman ikollu l-għażla li jħalli l-militar biex ma jassistix għall-krudeltà. B'din l-għażla ma jfissirx li hu jkun qed jonqos mil-lealtà lejn pajjiżu. Fil-fatt, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-lealtà lejn pajjiżu titlob li hu jieħu dan il-pass kif ukoll jagħti parir lill-gvern tiegħu biex ma jaqax fl-istess livelli tal-gvernijiet u l-pajjiżi inġusti li jaġixxu b'mod krudili. Jekk madankollu wieħed irid jissieħeb fl-armata bilfors u m'hemmx mod kif jista' joħroġ, u l-kuxjenza tiegħu mhix ċara, f'dak il-każ il-Musulman għandu jħalli l-pajjiż u m'għandux jgħolli leħnu kontra l-liġijiet tal-pajjiż. Huwa għandu jitlaq għax il-Musulman ma jistax jgħix f'pajjiż bħala ċittadin filwaqt li fl-istess ħin jaġixxi kontra l-pajjiż jew jaqbel mal-oppożizzjoni.

B'hekk dawn huma biss ftit aspetti mit-tagħlim tal-Iżlam, li jiggwidaw lill-Musulmani veri kollha lejn il-ħtiġijiet reali tal-lealtà u mħabba lejn il-pajjiż tiegħek. Fil-ftit ħin li kelli rnexxieli biss immiss dan is-suġġett.

Għalhekk, bħala konklużjoni, nixtieq ngħid li llum nosservaw li d-dinja saret villaġġ globali. Il-bnedmin resqu ferm qrib xulxin. In-nies ta' kull

pajjiż, reliġjon u kultura jinsabu kullimkien. Dan jirrikjedi li l-mexxejja ta' kull pajjiż jikkunsidraw u jirrispettaw is-sentimenti tan-nies kollha. Il-mexxejja u l-gvernijiet tagħhom għandhom iħabirku biex joħolqu liġijiet li jinkoraġġixxu ambjent u spirtu ta' verità u ġustizzja, minflok jagħmlu liġijiet li joħolqu d-dwejjaq u l-frustrazzjoni lin-nies. L-inġustizzji u l-krudeltajiet għandhom jiġu eliminati u minflok għandna naħdmu bis-sħiħ għall-ġustizzja vera. L-aħjar mod kif nistgħu nagħmlu dan huwa billi d-dinja tagħraf lill-Ħallieq tagħha. Kull forma ta' lealtà trid tintrabat mal-lealtà lejn Alla. Jekk jiġri dan naraw b'għajnejna stess l-ogħla livell ta' lealtà stabbilita fost il-bnedmin tal-pajjiżi kollha u toroq ġodda li jwasslu għall-paċi u s-sigurtà jinfetħu madwar id-dinja kollha.

Qabel nagħlaq, nixtieq mill-ġdid nieħu din l-opportunità biex nirringrazzjakom talli għoġobkom tistednuni u smajtu dak li kelli xi ngħid. Jalla Alla jbierek lilkom kollha; u jalla Alla jbierek 'il-Ġermanja.

**Grazzi ħafna.**

# Nota tal-Pubblikatur

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam, li tfisser* 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam,* li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**ra** *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum,* li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

**aba** *ayyadahullahu Ta'ala binasrihil-'Aziz,* li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba].



**Biex verament iħobb lil Alla u lill-Iżlam l-individwu jrid iħobb ukoll lin-nazzjon tiegħu. Għalhekk, huwa ċar biżżejjed, li ma jistax ikun hemm kunflitt ta' interess bejn l-imħabba li persuna jkollha lejn Alla, u l-imħabba tagħha lejn il-pajjiż.**

**"L-imħabba lejn pajjiżek hi parti mill-fidi."**

**Lealtà**

**Ħelsien**

**Rispett**

**Ugwaljanza**

**Paċi**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

This is the Maltese translation of a Keynote Address, by Hazrat Mirza Masroor Ahmad[aba], the Spiritual Head of the Ahmadiyya Muslim Jamaat, titled "**Islam's Teachings of Loyalty and Love for One's Nation**", at the Military Headquarters in Koblenz, Germany, 2012.